**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 22 ta’ Novembru 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 4/2016 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B f’isimha proprio u f’isem binha C D**

**-vs-**

**E D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

*Din hija kawza ghall-manteniment.*

[1] Fol. 1.

*Illi l-attriċi twilditilha tarbija bl-isem ta' C Cetcuti minn relazzjoni li kellha mal-konvenut E D, liema tarbija twieldet fl-10 ta' April tas-sena 2009 u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid market Dok A.*

*Illi l-konvenut ma jhallasx manteniment b'mod regolari għal ibnu minuri, b'dan illi huwa hallas biss is-somma ta' elf u mitejn euro (€1,200) bhala hlas anticipat ta' manteniment ghal sena b'effett mill-1 ta' Settembru tas-sena 2015.*

*Illi tali somma ma hix bizzejjed sabiex l-attrici tmantni lill-minuri.*

*Illi l-konvenut ma jikkontribwixxi xejn ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri.*

*Illi l-konvenut huwa obbligat li mhux biss imantni lil-imsemmi ibnu minuri izda li jhallas kull manteniment dovut mhux biss ghall-futur izda mid-data tat-twelid tat-tarbija minuri u dan inlinea mal-principju stabbilit fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-20 ta' Diċembru 1974 fl-ismijiet Filippu Grech vs Antonia Magri (XXXII.I.468).*

*Illi l-medjazzjoni bejn il-partijietkellha tingħalaq peress illi l-konvenut ma attendiex ghas-seduti u dank if jirrizulta mill-anness digriet market Dok B.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:*

1. *Tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata in linea ta' manteniment ghat-tifel minuri C okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, u liema somma ghandha tirrifletti dak li kien ikollu jhallas il-konvenut sallum mid-data tat-twelid tal-minuri sad-data tas-sentenza effettiva u ohra gjornaljiera u cioe' 'per diem' in linea ta' manteniment futur ghall-imsemmi minuri C, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez inkluz l-ispejjez tal-procedura tal-medjazzjoni, u bil-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi, fl-ewwel lok, jigi rilevat li r-rikorrenti naqset milli tindika li hi u l-esponent kienu ffirmaw kitba fil-presenza tal-konsulent legali taghha fis-sens illi l-esponenr ghandu jhallas l-ammont ta' mitt ewro (€100) fix-xahar in linea ta' manteniment ghat-tifel minuri C. Il-kitba msemmija baqghet fil-pussess ta' l-istess konsulent legali, izda kien in forza ta' din il-kitba li kif jinsab anness fir-rikors promotur gie mhallas l-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200) bhala hlas anticipat ta' manteniment.*

2. *Illi l-hlas hawn fuq imsemmi fl-ammont ta' €1,200 infatti gie accettat mir-rikrrenti bhala hlas anicipat ghall-perjodu li kien intiz u specifikat ghalih.*

3. *Illi ghar-ragunijiet li huma ben noti lir-rikorrenti, u li minhabba fihom hija hassitha perfettament komda anke fejn kien involut l-interess tal-minuri C, l-istess rikorrent qatt ma resqet l-ebda lment dwar il-hlas tal-manteniment relattiv qabel intavolat l-ittra ta' medjazzjoni f'Gunju 2015.*

4. *Illi fl-imsemmija ittra ta' medjazzjoni r-rikorrenti llimitat ruhha biex tghid illi 'jehtieg li jkun hemm digriet dwar kura u kustodja u manteniment'. La fl-istess ittra u lanqas fil-kors tal-medjazzjoni li saret ma giet imqanqla xi kwistjoni dwar arretrati ta' manteniment li jidher li qed tippretendi r-rikorrenti li tithallas skont ir-rikors prmotur.*

5. *Illi inoltre mhuwiex minnu li l-esponent 'ma attendiex ghas-seduti ta' medjazzjon'. Tant attenda li fil-kors tal-medjazzjoni hallas lir-rikorrenti lammont fuq imsemmi. Izda r-rikorrenti wara tali hlas kellha ghagla kbira biex tfittex tintavola l-kawza udjenza.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat iċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-minuri C D, li jġib in-numru progressiv 1464 tas-sena 2009;[3]

---

[2] Fol. 23.
[3] Fol. 4.

Rat id-digriet tal-10 ta' Diċembru 2015, fejn il-proċeduri tal-medjazzjoni ġew iddikjarati magħluqa u l-attriċi ġiet konsegwentament awtorizzata tipproċedi b'azzjoni legali fit-termini mposti mil-liġi;[4]

Rat id-digriet *pendente lite* tas-26 ta' Jannar 2016, fejn il-Qorti ordnat lil *"lill-intimat jibqa' jħallas €100 fix-xahar, kif pattwit, bhala manteniment ghall-minuri"*;[5]

Rat id-digriet *pendente lite* tal-31 ta' Jannar 2017, fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut iħallas €200 kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment, liema manteniment għandu jgħola kull sena bir-rata ta' 1%, filwaqt li l-konvenut għandu ukoll iħallas nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni, u l-ispejjeż extra-kurrikulari;[6]

Rat l-affidavit tal-attriċi u d-dokumenti eżebiti minnha;[7]

Rat il-verbali kollha, kif ukoll l-affidavits ippreżentati, ix-xhieda imresqa u d-dokumenti eżebiti, liema ġew kollha miżmuma u mresqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien;[8]

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat li fl-udjenza tas-16 ta' Ġunju 2022 il-Qorti akkordat sitt (6) ġimgħat żmien lill-partijiet sabiex jippreżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, iżda rat li n-nota tal-attriċi ġiet ippreżentata nhar l-1 ta' Novembru 2022, filwaqt li l-konvenut ma ppreżenta l-ebda nota responsiva;[9]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza finali għal-lum.[10]

Ikkunsidrat:

---

[4] Fol. 7.
[5] Fol. 20.
[6] Fol. 279.
[7] Fol. 467.
[8] Maħtura għal tali fini nhar l-10 ta' Marzu 2016, a fol. 25.
[9] Fol. 500.
[10] *Ibid*.

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

*In primis*, il-Qorti tissottolineja illi hija qiegħda tisfilza n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi stante li din ġiet ippreżentata tardivament u oltre mit-terminu mogħti mill-Qorti fl-udjenza tagħha tas-16 ta' Ġunju 2022. L-attriċi kellha sat-28 ta' Lulju 2022 sabiex tippreżenta n-nota tagħha, iżda mingħajr ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti għal estensjoni ta' tali terminu, *di sua sponte* hija għażlet li tintavola l-istess fl-1 ta' Novembru 2022 u ċjoe' għoxrin (20) ġimgħa wara. Dan juri disrispett lejn l-awtoF' tal-Qorti, liema għaġir għandu jiġi ppenalizzat u deplorat.

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Il-partijiet kellhom relazzjoni intima, minn liema relazzjoni twieled il-minuri C D nhar l-10 ta' April 2009. Jirriżulta li meta twieled il-minuri, dan ġie reġistrat taħt isem il-konvenut. Għalhekk l-attriċi għandha d-dritt li tipprosegwi bl-azzjoni odjerna, fejn qiegħda titlob il-ħlas ta' mateniment għall-minuri mid-data tat-twelid 'il quddiem. Min-naħa l-oħra, il-konvenut qiegħed joġġezzjona għat-talba attriċi hekk kif jallega illi: (i) hemm viġenti kitba ffirmata bejn il-partijiet illi l-konvenut għandu jħallas is-somma ta' €100 fix-xahar bħala manteniment għal minuri, (ii) l-attriċi diġa' aċċettat pagament ta' €1,200 li jkopri perjodu ta' sena b'effett mill-1 ta' Settembru 2015 sal-1 ta' Settembru 2016, (iii) l-attriċi qabel l-intavolar tal-ittra tal-medjazzjoni f'Ġunju 2015, qatt ma resqet ilment dwar ħlas ta' manteniment, u (iv) fil-proċess ta' medjazzjoni qatt ma ġiet sollevata l-kwistjoni ta' arretrati ta' manteniment.

## 2. Il-Verżjoni tal-Attriċi:

Fl-affidavit tagħha,[11] l-attriċi tiddikjara illi hi u l-konvenut iltaqgħu fis-sena 2007 meta l-attriċi bdiet taħdem mal-kumpanija ST Microelectronics. Tispjega li dak iż-żmien hi u r-raġel tagħha kellhom ħafna problemi, u kienet tispiċċa titkellem ħafna mal-konvenut tant illi meta bdiet il-proċess ta' separazzjoni minn mar-raġel tagħha, hija sfat imkeċċija mid-dar matrimonjali u wara ġimgħa spiċċat tgħix għand il-konvenut. Wara sena jgħixu flimkien, l-attriċi ħarġet tqila bil-minuri li fil-fatt twieled nhar l-10 ta' April 2009. Minħabba l-fatt li l-attriċi kienet spiċċat

[11] Fol. 467.

bla impjieg fis-seba' (7) xahar tat-tqala u l-konvenut kien telaq mix-xogħol, l-attriċi tgħid li spiċċat tgħix għand il-ġenituri tagħha.

Wara li twieled il-minuri, l-attriċi tgħid li hi u l-konvenut għamlu karta għand l-avukat fejn ġie ddikjarat illi l-konvenut qiegħed itiha s-somma ta' €100 fix-xahar bħala manteniment għat-tifel u dan sakemm isib xogħol, iżda kien wegħda illi kien ser jagħtiha iktar flus f'manteniment hekk kif kien konsapevoli li b'tali somma ma kienx ser jirnexxielha trabbi t-tifel. Konsegwentament il-konvenut beda jaħdem bħala *property consultant* u ma kellux paga fissa, u minkejja li l-ftehim ta' ħlas ta' €100 fix-xahar, huwa xorta ma baqgħax jħallas tali somma. Kien għalhekk illi l-attriċi sabet xogħol fuq bażi *full-time* bħala *room attendant*. Jingħad illi fl-istess żmien, il-partijiet ddeċidew illi jerġgħu jgħixu flimkien. Madanakollu l-affarijiet ta' bejniethom ma kienux mixjin sewwa, tant lil-attriċi tgħid li mill-ġdid spiċċat tgħix għand ommha. Mal-firda tagħhom, l-attriċi tgħid illi kienet qaltlu li kellu jħallas manteniment għat-tifel, iżda jingħad li l-konvenut baqa' xorta waħda inadempjenti.

Kien għalhekk li l-attriċi bdiet bil-proċeduri legali fis-sena 2015, fejn il-konvenut kien ħareġ ċekk ta' €1,200 bħala manteniment għat-tifel għal perjodu ta' sena. L-attriċi tgħid illi ma setgħatx taċċetta tali ċekk bħala pagament bil-quddiem għaliex tali somma ma kienetx biżżejjed, iżda kienet bagħtitlu ittra bl-avukat fejn infurmatu illi dak iċ-ċekk kien ser jmur bħala parti mill-arretrati li kellu jagħtiha. Konsegwentament kien hemm żewġ digrieti *pendente lite*, fejn permezz tal-aħħar digriet, il-konvenut ġie ordnat iħallas is-somma ta' €200 f'manteniment kull erba' (4) ġimgħat u dan oltre nofs l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni, u l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet extra-kurrikulari. L-attriċi tisħaq illi l-konvenut qatt ma kien puntwali fil-ħlasijiet tiegħu, u kien għalhekk li kellha tagħmillu rapporti mal-Pulizija.

Finalment l-attriċi tikkontendi illi *"jien kull ma rrid illi E ihallas manteniment adekwat għat-tifel tagħna għaliex it-tifel qiegħed jikber u mieghu qeghdin jikbru l-ispejjez tieghu. Jiena nistenna woll illi kull meta Alex hallas is-somma ta' €100 kull xahar bhala manteniment minghajr ebda spejjez ohra, issa ghandu jhallas ukoll id-differenza"*.[12]

[12] Fol. 469.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi tippreżenta numru ta' dokumenti u tressaq diversi xhieda:

a. *Ittra mibgħuta mill-konsulent legali tal-konvenut lill-konsulent legali tal-attriċi datata 22 ta' Settembru 2015,*[13] fejn ġie kkomunikat *"fiċ-ċirkostanzi kollha tal-partijiet kif gew spjegati lili, qed nibghat hlas ta' €1,200, bhala hlas anticipat ta' manteniment ghal sena b'effett mill-1 ta' Settembru tas-sena korrenti"*;

b. *Ittra mibgħuta mill-konsulent legali tal-attrċi lill-konvenut datata 30 ta' Settembru 2015 iżda mhux iffirmata,*[14] fejn ingħad illi *"il-klijenta tieghi qatt ma tista' taċċetta anteniment ta' 100 Eur fix-xahar izda zzomm ferm mat-talba taghha kontenuta fl-ittra mibghuta lilek fis-26 ta' Awwissu 2015. Ghalhekk is-somma ta' 1,200 Eur se tmur ghall-manteniment arretrat"*;

c. *Skeda ta' manteniment imħallas mill-konvenut mit-twelid sal-preżent*;[15]

d. *Affidavit ta' F B, ossija omm l-attriċi, debitament maħluf u ppreżentat nhar l-20 ta' Frar 2017,*[16] fejn tikkonferma li l-attriċi u l-minuri kienu jgħixu magħhagħal perjodu bejn Mejju 2012 u Settembru 2016, hekk kif wara telqu jgħixu għal rashom. Matul iż-żmien li l-attriċi kienet tgħix għand ommha, din tal-aħħar tikkonferma li kienet tgħin lil bintha. Tgħid ukoll li minkejja li l-konvenut ma kienx iħallas manteniment, huwa xorta waħda dejjem eżerċita d-dritt ta' aċċess għal ibnu;

e. *Ix-xhieda ta' l-iSpettur Johann Fenech in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,[17] fejn ippreżenta: (i) il-fedina penali tal-konvenut,[18] u (ii) tlett (3) rapporti li saru mill-attriċi kontra l-istess konvenut;[19]

---

[13] Fol. 470.
[14] Fol. 471.
[15] Fol. 472.
[16] Fol. 294.
[17] Fol. 349.
[18] Fol. 352.
[19] Fol. 353 – rapport datat 27 ta' Frar 2017, Fol. 356 – rapport datat 13 ta' Jannar 2017, Fol. 359 – rapport datat 16 ta' Novembru 2016, liema rapporti huma kollha dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' manteniment da parti l-konvenut u dan skont id-digriet tal-Qorti.

f. *Ix-xhieda ta' Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobsplus*,[20] fejn ippreżenta l-*employment history* tal-konvenut, fejn fil-pejodu tax-xhieda l-konvenut kien jinsab jaħdem bħala *self-employed* bħala *real estate agent* fuq bażi *full-time*;[21]

g. *Ix-xhieda ta' Frank Saliba in rappreżentanza ta' FS Engineering and Plastics Ltd*,[22] fejn eżebixxa: (i) FS3 għas-sena li tagħlaq 2009 tal-konvenut sakemm kien għadu jaħdem mal-imsemmija kumpanija,[23] u (ii) 7 *payslips;*[24]

h. *Ix-xhieda ta' David Parnis in rappreżentanza ta' Methode Electronics Malta Ltd.*,[25] fejn eżebixxa: (i) l-*engagement form* tal-konvenut,[26] (ii) it-*termination form* tiegħu,[27] (iii) FS3s għas-snin li jagħlqu 2010 u 2011;[28]

i. *Ix-xhieda ta' Aiden Xuereb in rappreżentanza ta' Remax Alliance*,[29] fejn iddikjara li l-konvenut kien jaħdem ta' agent ma' Remax Alliance Mosta fil-bidu tal-2015 sa nofs is-sena 2016, hekk kif wara mar fil-fergħa ta' Wied il-Għajn, u qabel kien fil-fergħa ta' San Ġwann. Spjega illi bħala agent, il-konvenut ma kienx impjegat imma jaħdem on a *commission basis*. Għal tali fini ppreżenta dokument li juri l-ammont ta' *commissions* li tħallas fil-perjodu surreferit u ċjoe' is-somma ta' €24,242.91;[30]

j. *Ix-xhieda ta' Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[31] fejn ippreżenta dokumenti sabiex juri l-vetturi passati u dawk preżenti reġistrati fuq isem il-konvenut;[32]

k. *Ix-xhieda ta' Dr Robert Vassallo in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Bastimenti Żgħar*,[33] fejn ikkonferma li fuq isem il-konvenut sab reġistrata dgħajsa waħda bin-numru S12422, iżda l-konvenut beda jonqos milli jħallas

[20] Fol. 38.
[21] Fol. 55 – 58.
[22] Fol. 281.
[23] Fol. 285.
[24] Fol. 286 – 293.
[25] Fol. 301.
[26] Fol. 304.
[27] Fol. 305.
[28] Fol. 306 – 307.
[29] Fol. 311.
[30] Fol. 314.
[31] Fol. 38.
[32] Fol. 44 – 53.
[33] Fol. 38.

l-*annual registration fee* mill-2007 u b'hekk ingħalqet ir-reġistrazzjoni, Sabiex jikkorrabbora x-xhieda tiegħu, ix-xhud ippreżenta: (i) kopja tal-aħħar ċertifikat ta' reġistru,[34] u (ii) l-ittri kollha li ntbagħatu lill-istess konvenut;[35]

l. Ix-xhieda ta' Audrey Ghigo in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc,[36] fejn iddikjarat illi fuq isem il-konvenut hemm erba' kontijiet, ċjoe': (i) kont bankarju bin-numru 042141796001 bħala *current account* u llum huwa magħluq,[37] (ii) kont bankarju bin-numru 013035373050 bħala *savings account* u llum huwa magħluq,[38] (iii) kont bankarju bin-numru 14130147 bħala *loan account* u llum huwa magħluq,[39] u (iv) *credit card account* bin-numru 4568825010301113 li huwa magħluq.[40] F'xhieda ulterjuri,[41] ix-xhud iddikjarat li l-konvenut kellu kont bankarju bin-numru 013254321050 bħala *savings account* flimkien ma' ċertu Marlene Camilleri;[42]

m. Ix-xhieda ta' David Galea in rappreżentanza ta' APS Bank,[43] fejn iddikjara li l-konvenut għandu kont wieħed ma' terzi persuni;

n. Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc,[44] fejn iddikjarat li fuq isem il-konvenut hemm kont wieħed bin-numru 17318460011 li huwa *savings* account, u li għadu attiv;[45]

o. Ix-xhieda ta' Eliza Agius in rappreżentanza tal-Borża ta' Malta,[46] fejn ippreċiżat illi l-konvenut huwa *holder* u mhux użufruttwarju, u ippreżentat: (i) *covering letter* tar-riċerka li saret fuq isem il-konvenut,[47] (ii) lista tat-*transactions* li saru u kontijiet f'isem il-konvenut,[48] (iii) dokumenti li juri pagamenti li saru,[49] u (iv) rendikont attwali;[50]

[34] Fol. 59.
[35] Fol. 60 – 64.
[36] Fol. 39.
[37] Fol. 65 – 80.
[38] Fol. 81 – 185.
[39] Fol. 186 – 191.
[40] Fol. 192 – 214.
[41] Fol. 349.
[42] Fol. 362 – 390.
[43] Fol. 39.
[44] Fol. 39.
[45] Fol. 215 – 239.
[46] Fol. 40.
[47] Fol. 240.
[48] Fol. 241.
[49] Fol. 242, 243.
[50] Fol. 244.

p. *Ix-xhieda ta' Joseph Debono in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni*,[51] fejn ippreżenta l-formoli tat-taxxa tal-konvent mis-sena 2008 'il quddiem;[52]

q. *Ix-xhieda ta' Dr Sonia Consiglio in rappreżentanza ta' Identity Malta (Sezzjoni tas-Searches)*,[53] fejn ippreżentat ir-riċerki ta' *transfers* u *liabilities* tal-konvenut mill-1 ta' Jannar 1986 sat-12 ta' Marzu 2018;[54]

r. *Ix-xhieda tal-konvenut*,[55] fejn jikkonferma li fiż-żmien tax-xhieda huwa kien jinsab jaħdem fuq bażi *part-time* bħala xuffier mal-kumpanija Ecabs, u beda b'dan ix-xogħol minn Lulju 2017. Id-dħul ivarja skont is-sigħat li jaħdem iżda jitħallas bi *flat rate* ta' €5 fis-siegħa. F'xhieda ulterjuri,[56] il-konvenut ikkonferma li qabel kien jaħdem ukoll ma' ST Micro Eletronics u Methode.

## 3. Il-Verżjoni tal-Konvenut:

Il-Qorti tara illi għajr għar-risposta ġuramentata tiegħu, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova oħra sabiex jissostanzja l-pożizzjoni tiegħu. Mill-atti jidher li l-attriċi ddikjarat l-għeluq tal-provi tagħha fis-seduta ta' nhar l-4 ta' Marzu 2019 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju.[57] Konsegwentament jidher li ġew iffissati ġranet oħra għall-ġbir tal-provi tal-konvenut, fejn uħud minnhom ġew ukoll ikkanċellati minħabba l-imxija tal-COVID-19. Jidher iżda li nżammu s-segwenti seduti, fejn fihom ma sar xejn: (i) 9 ta' Diċembru 2020,[58] (ii) 6 ta' Mejju 2021,[59] (iii) 14 ta' Ġunju 2021,[60] (iv) 17 ta' Jannar 2022[61], u (v) 9 ta' Marzu 2022.[62] Konsegwentament fl-udjenza tas-16 ta' Ġunju 2022,[63] il-Qorti ġiet infurmata li l-konvenut ma ressaqx il-provi tiegħu u dan minkejja l-ordni tagħha u s-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju. Għalhekk il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-

[51] Fol. 445.
[52] Fol. 447 – 460.
[53] Fol. 410.
[54] Fol. 413 – 431.
[55] Fol. 410.
[56] Fol. 440.
[57] Fol. 465.
[58] Fol. 481.
[59] Fol. 487.
[60] Fol. 488a.
[61] Fol. 493.
[62] Fol. 496.
[63] Fol. 500.

provi tal-konvenut magħluq u per konsegwenza tinsab sprovista mill-verżjoni tiegħu.

## 4. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għal-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal kaz odjern.

Fir-rigward ta' <u>manteniment</u>, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, li jistipulaw rispettivament:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħtl-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*

*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwarOpportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

*(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lill-persuna li tkun qed taġixxi in loco parentis fir-rigward ta' wild ta'ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jewmatul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat bħala persuna assenti skontid-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII tal-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf:*

*Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għall-obbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149"*;

*"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B".*

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiż 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulat skont id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Magħdud ma' dan, u fir-rigward tal-obbligu ta' ġenitur li jmantni lill-ibnu sa mit-twelid, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Filippu Grech vs. Antonia Magri**,[64] li għallmet illi:

*"Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici forniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, ghaliex ladarba s-sentenza ta' dina l-Qorti ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa "quod omnes", jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid; ghaliex, kif jghid Laurent, Diritto Civile, VOL IV, nru. 20 et seq (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi ladarba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbligi inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel."*

[64] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar l-20 ta' Diċembru 1946.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Xerri pro et noe vs. Elvin Magri**,[65] spjegat illi *"issa li l-konvenut accetta li hu l-missier, apparti l-beneficcju li dan ir-rikonoxximent igib mieghu, irid jerfa wkoll parti mill-piz u jibda billi jaghti lill-omm parti mill-flus li hi nefqet fuq l-istess tifel"*. B'hekk appena missier jaċċetta volontarjament li jirrikonoxxi wild jew inkella permezz ta' sentenza jiġi ddikjarat bħala l-missier naturali ta' tarbija, huwa għandu l-obbligu li jirrifondi lill-omm it-tarbija sehemu mill-ispejjeż inkorsi minnha waħedha sa mit-twelid tat-tarbija.

## 5. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Permezz tal-kawża odjerna, il-Qorti għandha quddiemha azzjoni fejn l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tillikwida dik is-somma li tirrifletti dak li l-konvenut kellu jħallas bħala manteniment għat-trobbija tal-minuri mid-data tat-twelid sad-data li fiha beda jitħallas il-manteniment, u kif ukoll tillikwida dik is-somma bħala manteniment futur, filwaqt li tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-attriċi tali somom.

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti kollha li għandha quddiemha, issa sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut. Jidher illi l-eċċezzjoni prinċipali tal-konvenut hija proprju illi bejn il-partijiet hemm ftehim bil-kitba illi l-konvenut għandu jħallas is-somma ta' €100 kull xahar bħala manteniment, tant li l-attriċi aċċettat ċekk minngħandu fis-somma ta' €1,200 li jkopri manteniment ta' sena għal perjodu bejn Settembru 2015 u Settembru 2016. Eċċezzjoni oħra hija proprju li l-attriċi qatt ma lmentat dwar il-manteniment qabel Ġunju 2015, u fi kwalunkwe każ il-kwistjoni ta' arretrati qatt ma ssemmiet fil-medjazzjoni.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni rigwardanti l-allegat ftehim bil-kitba bejn il-partijiet, il-Qorti tosserva s-segwenti:

i. Minkejja li l-konvenut allega tali ftehim bil-kitba, huwa naqas milli jressaq prova ta' l-istess u dan fid-dawl tal-massima legali *'min jallega jrid jipprova'*. Il-Qorti tara illi l-konvenut kellu kull fakolta' li jressaq prova ta' dak ivvantat minnu, u dan permezz ta' xhieda u provi dokumentarji, iżda

[65] Deċiza mill-Qorti tal-Appell, nhar is-27 ta' Frar 2009.

għażel li dan ma jagħmlux. Magħdud ma' dan, il-Qorti issibha inverosimili li tali karta baqgħat fil-pussess tal-konsulent legali, mingħajr ma dan għadda kopja tal-istess lill-partijiet, hekk kif wara kollox huwa obbligat li jagħmel;

ii. L-attriċi fl-affidavit tagħha saħqet *"5. Hekk kif twieled Mattas, jiena u E konna ghamilna karta ghand l-avukat fejn iddikjarajt illi huwa kien qieghed jaghtini s-somma ta' mitt euro (€100) fix-xahar bhala manteniment ghat-tifel. Hu kien weghdni illi ghalkemm dik kienet somma baxxa wisq, hu kien sejjer jaghtini iktar minn hekk ghaliex hu stess kien jghidli li b'dawk il-flus jiena ma kienx se jirnexxieli nrabbi lit-tifel. 6. Konna ftehmna illi sakemm isib xoghol huwa jibda jaghtini dawk il-€100 fix-xahar u xejn iżjed"*;[66]

iii. Ittra mibgħuta lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali nhar is-27 ta' Mejju 2009, fejn il-konsulent legali tal-attriċi nforma lid-Direttur illi *"il-klijenta tieghi tiddikjara illi hija ma ' tghix ma' missier it-tarbija, madanakollu huwa qieghed jivversalha manteniment fis-somma ta' mija u wiehed (101) Euro fix-xahar"*.[67] Jingħad illi din id-dikjarazzjoni saret ai fini ta' benefiċċji soċjali;[68]

iv. Fir-rapport tas-16 ta' Novembru 2016 magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut, ġie rraportat li l-konvenut ma kienx ħallas il-manteniment kif ordnat mill-Qorti. Fl-istess rapport ġie mniżżel *"Il-Pulizija għamlet kuntatt ma Alex D fejn gie mistoqsi biex jaghti l-verzjoni tieghu. Huwa stqarr li ma kienx jaf li hareg digriet mill-Qorti u li kien hemm biss ftehim bil-kliem mas-siehba tieghu A B"*.[69]

Il-Qorti tara li l-verżjonijiet tal-partijiet huma kontrastanti. Wara li l-Qorti ħasbet fit-tul dwar l-istess, hija waslet għal konvinċiment morali illi l-partijiet kienu ftehmu bejniethom verbalment illi l-konvenut għandu jħallas is-somma ta' €100 fix-xahar u dan sakemm huwa jsib xogħol. Fil-fatt il-Qorti tara li wara t-twelid tal-minuri, il-konvenut waqaf jaħdem b'mod uffiċċjali mit-2 ta' Settembru 2009 sat-12 ta' April 2010, u ċjoe' għal madwar tmien (8) xhur. Dan jiġi kkonfermat ukoll permezz tal-*bank statements* ippreżentati, hekk kif f'tali perjodu ma jidhirx li kien qiegħed jiġi depożitat fil-kontijiet bankarji tiegħu xi dħul partikolari u

[66] Fol. 467.
[67] Fol. 31.
[68] Fol. 28.
[69] Fol. 360.

sostanzjali. Magħdud ma' dan, il-ftehim verbali jikkonfermah il-konvenut stess mal-Pulizija, u għalhekk għal Qorti jidher illi l-konvenut ikkontradixxa lilu nnifsu, li per konsegwenza jistabbilixxi illi l-konvenut huwa inkonsistenti fil-verżjonijiet tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-Qorti temmen li d-dikjarazzjoni msemmija mill-attriċi hija proprju l-ittra mibgħuta mill-konsulent legali tagħha għan-nom tagħha lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Għaldaqstant, il-Qorti hija konvinta li bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub dwar kemm għandu jkun il-manteniment u l-modalitajiet kif għandu jitħallas, iżda kien hemm ftehim verbali li qatt ma ġie ffinalizzat permezz ta' skrittura. B'hekk l-eċċezzjonijiet tal-konvenut f'dan is-sens qed jiġu skartati.

Min-naħa l-oħra u fir-rigward ta' dawk l-eċċezzjonijiet illi l-attriċi qatt ma lmentat dwar il-manteniment qabel Ġunju 2015, u li fi kwalunkwe każ il-kwistjoni ta' arretrati qatt ma ssemmiet fil-medjazzjoni, il-Qorti tissottolineja illi dan l-argument ma huwiex wieħed validu. Il-fatt li l-attriċi damet sas-sena 2015 sabiex tressaq tali talba, minnha nnifisha ma tistabbilixxix prova li l-attriċi kienet kuntenta bis-sitwazzjoni, jew li kien hemm xi tip ta' ftehim bejn il-partijiet jew addirittura li l-konvenut kien qiegħed jgħaddi manteniment regolari lill-attriċi għat-trobbija ta' ibnu – kieku dan kien minnu, il-konvenut kien iressaq il-provi dokumentarji jew *viva voce* neċessarji sabiex jikkorrabora dan, madanakollu huwa għazel li dan ma jagħmlux. Għaldaqstant tali eċċezzjonijiet qed jiġu respinti.

Stabbilit illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ma ġewx milqugħa, il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba attriċi timmeF li tiġi milqugħa, ċjoe' il-konvenut għandu jmantni lill-ibnu minuri mid-data tat-twelid għaliex huwa ċar li l-obbligu jitwieled mat-twelid tat-tarbija. Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi għall-eżerċizzju ta' likwidazzjoni ta' manteniment passat u futur li huwa dovut mill-konvenut lill-attriċi għan-nom tal-minuri. Għal dan l-eżerċizzju, il-Qorti ser tieħu konjizzjoni tal-atti pprezentati, inkluż l-iskeda ta' manteniment imħallas mill-konvenut mit-twelid sal-preżent ippreżentata mill-attriċi.[70]

***Likwidazzjoni ta' Manteniment Passat u Futur:***

[70] Fol. 472.

*In primis* jingħad illi fir-rigward tal-obbligu ta' ġenitur li jibda jħallas manteniment mit-twelid tat-tarbija, il-Qorti tara li tenut kont tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq f'din is-sentenza, it-talba tal-attriċi għal arretrati ta' manteniment hija waħda ġusta. Magħdud ma' dan u meta *si tratta* manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet **Ottilie B pro et noe vs Jason Joseph Mifsud**,[71] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[72] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Michelina Bezzina vs Julian Bezzina**,[73] fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit[74]".".*

Fil-każ odjern jirriżulta illi l-attriċi ma resqitx dawn il-provi surreferiti, madanakollu ma għandha l-ebda xrara ta' dubju illi l-minuri trabba esklussivament minn ommu għal dawn it-tlettax-il (13) sena, fejn din kellha tipprovdi għal binha bis-sagrifiċċju u l-impenn tagħha. Għalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-attriċi nefqet il-flus fuq il-minuri bl-intiża li dan ma jkun jonqsu xejn. Għalhekk fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti hija konvinta li l-manteniment vversat mill-intimat għandu jkun ta' mitejn Ewro (€200) bħala manteniment u ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehem il-konvenut għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

[71] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[72] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.
[73] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellata (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[74] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.

Stabbilit dan, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tillikwida dak l-ammont li kien dovut lill-attriċi fil-passat sa mid-data tat-twelid tal-minuri.

***Likwidazzjoni ta' Manteniment Passat:***

Abbażi tal-iskeda ppreżentata mill-attriċi stess, hija tiddikjara li:

| | |
|---|---|
| Mit-twelid tal-minuri ċjoe' l-10 ta' April 2009 sad-data meta ingħata l-ewwel digriet *pendente lite* nhar is-26 ta' Jannar 2016: | Il-konvenut ħallas is-somma ta' **€1,800** (ossija 18-il pagament ta' €100-il wieħed, li jkopru minn Jannar 2014 sa Frar 2015, Ottubru 2015 sa Jannar 2016) |
| Minn l-ewwel digriet *pendente lite* mogħti nhar is-26 ta' Jannar 2016 sat-tieni digriet *pendente lite* mogħti nhar il-31 ta' Jannar 2017: | Il-konvenut ħallas is-somma ta' **€1,200** (ossija 12-il pagament ta' €100-il wieħed) |
| Mit-tieni digriet *pendente lite* datat 31 ta' Jannar 2017 sal-preżent ossija Novembru 2022: | Il-konvenut ħallas is-somma ta' **€14,000** (ossija 70 pagament ta' €200-il wieħed) |
| | |
| **Total:** | **€17,000** |

Madanakollu, mill-atti jidher illi l-attriċi qatt ma qablet illi l-manteniment ikun ta' €100 fix-xahar, u tagħti indikazzjoni illi hija għandha tiġi mħalsa dak il-manteniment kif rivedut fis-sentenza finali minn dakinhar tat-twelid tal-minuri. F'dan il-kuntest il-Qorti tirrileva illi din hija proċedura li ġieli ġiet segwita mill-Qorti tal-Familja. Fil-fatt issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri**,[75] liema kawża ġiet intavolata nhar it-30 ta' Jannar 2012 u matul il-medjazzjoni, senjatament nhar l-14 ta' Novembru 2011, ngħata digriet *pendente lite* għall-manteniment ta' €120 kull erba' (4) ġimgħat. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti pprosegwiet billi ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €200 kull erba' (4) ġimgħat b'effett mit-30 ta' Jannar 2012 (ċjoe' meta nbdiet il-kawża) sal-31 ta' Diċembru 2014, filwaqt li b'effett mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem (qabel ma nqatat il-kawża) il-konvenut ġie kkundannat iħallas is-somma ta' €300 kull erba' ġimgħat, b'dan illi l-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

[75] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-28 ta' Mejju 2015 (Rik. Nru. 24/2012 RGM), u l-prinċipju in kwistjoni ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 2016 (App. Nru. 24/2012/2).

Il-Qorti rat illi l-attriċi ppruvat tvarja l-ordni tal-Qorti sabiex dan ma jibqax ta' €100 fix-xahar, sakemm fl-aħħar il-Qorti laqgħat it-talba tagħha nhar il-31 ta' Jannar 2017. Jiġi ribadit pero' illi dawn id-digrieti qatt ma jkunu finali, hekk kif il-Qorti stess għandha l-fakolta' li titbiegħed minnhom fis-sentenza finali tagħha. Għaldaqstant u wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-fattispeċji tal-każ in diżamina fejn il-konvenut lanqas biss kien qiegħed iħallas sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni, hija tal-fehma li s-somma ta' €200 li tkopri l-manteniment u nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, għandha tiġi applikata b'effett minn April 2009 sa April 2014, ossija sakemm it-tifel kellu ħames (5) snin, filwaqt li minn Mejju 2014 'il quddiem il-konvenut għandu jħallas is-somma ta' €275 li tkopri l-manteniment u nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan ifisser li b'tali rata, sehem il-konvenut minn April 2009 sad-data ta' din is-sentenza huwa ta' €40,525.[76] Minn tali somma trid titnaqqas is-somma ta' €17,000 – liema somma hija diġa' mħallsa hekk kif ma hemm l-ebda kontestazzjoni li din ma tħallsitx, u b'hekk jifdal il-bilanċ ta' €23,525 li l-konvenut irid jgħaddi lill-attriċi bħala sehemu f'manteniment u spejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri għal tali perjodu.

### *i. Likwidazzjoni ta' Manteniment Futur:*

Fir-rigward il-manteniment futur, il-Qorti rat li fil-preżent il-konvenut qiegħed iħallas €200, u dan apparti nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Madanakollu mill-atti ma jirriżultax li l-konvenut qiegħed iħallas sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari.

Għaldaqstant, il-Qorti tordna lil konvenut, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull erba' (4) ġimgħat, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull erba' (4) ġimgħat, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €275 kull erba' (4) ġimgħat, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal C D sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-

[76] €200 x 61 xahar minn April 2009 sa April 2014; €275 x 103 xahar minn Mejju 2014 sa Novembru 2022.

eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance* u d-*Disabled Children's Allowance* li bħalissa qegħdin jiġu pperċepiti, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. F'każ li l-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, filwaqt li l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ssollevati mill-konvenut, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tordna lill-konvenut illi:

i. **Fir-rigward ta' manteniment passat minn April 2009 sad-data li din id-deċiżjoni tgħaddi in ġudikat**, il-konvenut għandu jħallas is-somma ta' tlieta u għoxrin elf, ħames mija u ħamsa u għoxrin euro (€23,525) lill-attriċi bħala sehemu f'manteniment għall-minuri, liema somma tinkludi sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjni attivitajiet extra-kurrikulari;

ii. **Fir-rigward ta' manteniment futur b'effett mid-data li din id-deċiżjoni tgħaddi in ġudikat**, il-konvenut għandu jħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull erba' (4) ġimgħat, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull erba' (4) ġimgħat, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' mitejn u ħamsa u sebgħin euro (€275) kull erba' (4) ġimgħat, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal C D sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's*

*Allowance* u d-*Disabled Children's Allowance* li bħalissa qegħdin jiġu pperċepiti, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. F'każ li l-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu.

Bl-ispejjeż għandhom jiġu sapportati kollha mill-konvenut.